MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 368/2012

**AB**
**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet :

1. Illi fil-21 ta’ Ottubru 1990 l-esponenti zzewget lilll-intimat Ivan Borg (vide certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok. ‘A’) u minn dan iz-zwieg kellhom tifla wahda – Y– illi llum hija maggorenni;
2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u effettwaw separazzjoni legali permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni konswenswali in atti Nutar Dottor Elena Farrugia datat 6 ta’ Awissu, 2002 (Dok. ‘B’);
3. Illi assolutament m’hemm ebda pendenzi jew kwistjonijiet bejn il-partijiet ta’ kwalsijasi natura;

4. Illi l-esponenti ddiskutiet mal-avukat taghha Dr Chris Cilia LL.D. il-possibilita' ta' rikonciljazzjoni u inghatat minghand l-istess avukat l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin (vide dikjarazzjoni hawn annessa bhala Dok C) u kkonkuda li m'hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni;
5. Illi issa ghaddew ben oltre 4 snin – di fatti kwazi 10 snin – mid-data tas-separazzjoni u m'hemm assolutament ebda prospett ta' rikonciljazzoni bejn il-partijiet;
6. Illi jikkonkorru l-kriterji kollha stabbiliti skond il-ligi ghall-hall taz-zwieg u d-divorzju tal-partijiet;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

Tiddikjara illi z-zwieg taghha mal-intimat CB hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi annotat u registrat fir-Registru Pubbliku u li r-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' VB u dan ghall-fini u effetti kollha tal-ligi;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Lulju, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt datat 6 ta' Awissu, 2002;

Illi hija ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut f’dan il-kaz;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Il-Qorti rat ukoll it-talba tar-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe’ VB u dan ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u fin-nuqqas ta’ opposizzjoni da parti tal-intimat il-Qorti qeghda tilqa’ ukoll din it-talba u tordna illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi wkoll notifikat b’din id-decizjoni tal-Qorti;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------